XEWKIJA

**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA B'URGENZA NUMRU 13**
**12 ta' Frar 2014 fl-4:00p.m.**

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fl-4:00 p.m.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Sinjura Dr. Monica Vella | Vici-Sindku |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |
| Sur George Zammit | Kunsillier |

**Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Sinjura Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

Intqgħalet it-Talba

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 12 ma kienux lesti u għalhekk ma gewx approvati.

2. **Gemillagg**

   Is-Sindku infurma lil Kunsill li ma kienx baqgħa kuntatti ma' Forza D'Agro minhabba li kienu għadejjien bl-elezzjonijiet. Is-Sindku kompla jgħid li d-deadline tal-applikazzjoni tal-EU hi fl-20 ta' Lulju 2014 u peress li Citta di Pachino fi Sqallija urew interess li jagħmlu gemillagg magħna ikun aħjar li nkomplu dan il-gemillagg magħhom. Hu qal li dawn għandhom ħafna affarijiet komuni mar-raħal tax-Xewkija. Il-Kunsill qabel.

3. **Embellishment fi Pjazza San Gwann Battista**

   Is-Sindku qal li jkun sew li l-Kunsill jibda il-process kollha necessarji biex jinħargu l-permessi għal-Embellishment tal-Pjazza San Gwann Battista. Hu kompla jgħid li peress li ser jinħargu applikazzjonijiet tal-EU fil-futur ikun sew li jkollna l-permessi kollha mehtiega qabel biex issir l-applikazzjoni. Il-Kunsill qabel ma dan. Dr. Monica Vella issugerit li jingabru l-idejat tan-nies tal-lokal fuq dan il-progett. George Zammit issugerixxa li ingibu disin mingħand periti, imbaghad

ngħidu lin-nies tal-lokal jagħtu l-opinjonijiet tagħhom fuq id-disin. Dr Monica Vella issugerit li nħalluha miftuħa għal kullhadd biex jagħmel id-disinn u li tinħareg *'call for design'* fuq il-gazzetta tal-Gvern. Il-Kunsill qabel li tinħareg l-'*expression of interest'* fuq l-imsemmi embellishment fuq il-gazzetta tal-Gvern. Dr Monica Vella għamlet suggeriment biex jinfetaħ is-shelter għal-pubbliku. George Zammit qal li d-dwal tal-knisja irrid jigi irrangat. Dr Monica Vella ssugerit li dan id-dawl tal-knisja jista jkun parti minn l-applikazzjoni tal-EU tal-Embellishment tal-Pjazza u jkunu energy saving.

4. **<u>WSC *Trenching Repairs*</u>**

Is-Sindku gibet l-attenzjoni li it-trenching repairs tat-toroq li għamlu tal-WSC fil-passat għandhom jigu irrangati. Hu qal li fil-passat kien hemm kuntratt. Is-Sindku qal li l-Kunsill iħallas il-Kunstrattur li gie magħzul mil-WSC u l-Kunsill jigi imhallas wara dawn l-ispejjez. George Zammit issugerixxa li l-Kunsill jipprova jasal għal-ftehim fejn il-WSC ihallsu dirett huma lil-kuntrattur u l-kunsill ma jkollu xejn x'jaqsam mal-pagament. Dan il-hin daħlet Jeanelle Attard. Dr Monica Vella qalet li jekk il-Kunsill iħallas il-Kunsill irrid joħrog l-offerta. Domenic Zerafa staqsa li jekk ix-xgħolijiet ma jkunux saru tajbin min ikun responsabbli? Is-Sindku qal li ser ikun hemm in-nies biex jaraw li x-xgholijiet ikunu saru sew. Dr Monica Vella issugerit li l-aħjar jintagħlab specimen agreement qabel lil WSC.

5. **<u>Fidwa 2014</u>**

Is-Sindku qal li kellu laqgħa l-Ministeru għal Ghawdex rigward il-Fidwa biex l-attivita' tkun fuq skala akbar u unika bhala organizazzjoni. Is-Sindku qal li l-Ministeru għal Għawdex lest li jidħol b'kollaborazzjoni mal-Kunsill f'din l-attivita'. Hu qal li jsir fil-weekend ta' Ħadd il-Palm biex il-Maltin li jaqsmu ikunu jistghu jigu din l-attivita'. Dr Monica Vella qalet li taqbel li naħdmu b'kolloborazzjoni ma' ħaddiehor imma qalet li għandha tibqa' f'idejn il-Kunsill din l-attivita' peress li nbdiet mill-Kunsill. Is-Sindku qal li din l-attivita ser tibqa' tal-Kunsill bhal ma dejjem kienet. Dr Monica Vella qalet li ma taqbilx fil-bdil tal-granet u li għandha tibqa t-Tnejn u Tlieta kif stabilita' mill-kunsill. Dr Monica Vella kompliet tgħid li ma jagħmilx sens li tibqa' Ħadd il-Palm ghax dan suppost zmien ta' Ferħ u mhux tibda bil-passjoni. Is-Sindku qal li r-raguni ewlenija hija li fuq weekend ikun hemm attendenza akbar ta' nies u l-promozjoni tkun qed issir b dan il-mod halli l-Maltin ikunu jistgħu jigu ghal din l-attivita' unika. Is-Sindku qal ukoll li minhabba f'hekk qed issir hidma ko-ordinata fejn wasalna għal ftehim rigward spejjez fejn ser ikunu koperti ga miftehma minn naha tagħhom. Hu qal li huwa obbligu tagħna ukoll li din l-attivita' issir b'success kbir biex tibqa' l-attiva' prominenti fil-kalandarju kulturali tax-Xewkija. Hu kompla jgħid li f'Ħadd il-Palm f'parocca tar-Rabat Għawdex issir purcissjoni tal-Gimgħa il-Kbira. Jeanelle issugerit li tigi diskussa mal-ministeru biex jekk inhu possible jibqgħu l-granet ta' qabel izda qalet ukoll li jekk mhux possibli jibqa' għaddej kollox kif miftiehem. Is-Sindku kompla jgħid li ser jagħmel osservazzjoni fuq din il-haga imma kif ga tkellem l-iskop hu biex jigu aktar nies u l-attivita' tkun ta' skala akbar speci ta' livell bhal Bethlehem f'Għajnsielem.

XEWKIJA

6. **<u>Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa</u>**

**Mill-Korrispondenza**

i. Email mingħand Colin Attard rigward l-attivita' Gaulitana. Il-Kunsill qabel li terggħa issir u jintagħlab ibiddel il-programm.

ii. Memo 6/2014 rigward Haddiema tal-IPSL, ex WSC u tal-Iskemi tal-ETC fil-Kunsilli Lokali.

iii. E mail mingħand Adrian Mifsud rigward Norway launch invitation

iv. Cirkulari AGL Cirk 9/201 dwar Laqgha ghas-Sindki fil-21 u 22 ta' Marzu 2014.

v. E mail mingħand il-President, Assocjazzjoni tal-Kunsilli lokali dwar European Youth Event f'Strasburgu 9-11 ta' Mejju 2014.

vi. Ittra mingħand il-Perit Lino Bianco rigward Triq it-Tessuti.

.

7. **<u>Affarijiet Ohra</u>**

i. Is-Sindku informa lil kunsill li l-bozza applikata ta' Triq il-Lewz taqgħa taht il-konfini tax-Xewkija u mhux ta' Sannat. Il-Kunsill qabel li għandha issir.

ii. Il-Kunsillier George Zammit gibet l-attenzjoni li Triq il-Ħamrija kantuniera ma' Triq Sannat u kantuniera ma' Canga hija perikoluza hafna. Is-Sindku gibet l-attenzjoni li kellu laqgħa mal-perita tat-TM u l-Perit John Saliba fejn din il-materja giet diskussa fejn ser issir pjanta u tigi mgħoddija lil TM.

iii. Is-Sindku qal li intbagħtet e mail lill-Kunsilliera fejn kollha gew infurmati rigward il-bzonn urgenti ta' bearing test fi Triq Jean de la Vallette fejn intbagħt l-korrispondenza tal-perit inkarigat mix-xoghol u l-istima mingħand il-Kumpanija Solid Base. Il-Kunsilliera kollha qablu li dan issir.

8. **<u>Ilmenti u suggerimenti</u>**

**i.** Suggeriment anominu rigward mera jew stop signs fi Triq l-Għarus ma' Triq il-Ħamsin fejn il-muzew tas-subien. Is-Segretarja għandha tara ma' TM.

ii. Suggeriment mingħand Salvu Saliba biex fi Sqaq fi Triq Holy Cross issir xi haga ħabba l-velicita tal-Karozzi. Il-Kunsill ser jara fuq dan.

iii. Ilment mingħand Tereza Azzopardi dwar meta saret il-bankina tagħha fi Triq is-Sardinell inkisrilha madum mal-ħajt tagħha. Il-Kunsill ser jara fuqha.

iv. Ilment mingħand Jackie Vassallo biex issir ħajt fl-għalqa li hemm ix-Xiber. Peress li din tal-gvern l-għalqa t-talba ser issir bil-customer care.

v. Ilment mingħand John Attard rigward biex issir xi ħaga fil-bankina li saritlu fi Triq is-Sardinell għax zelaq peress li kienet ix-xita u gie jizloq ħafna.

vi. Ilment mingħand Mario Spiteri rigward traffic congestion fi Triq St John ħdejn is-supermarkets.

vii. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard għamlet sugeriment biex jibda ikun hemm *Story telling* għat tfal fil-librerija.

**9. <u>Tmiem il-Laqgħa</u>**

Il-Laqgħa spiccat fid-6:30 p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Paul Azzopardi |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |